Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 351/2018

Il-Pulizija

Spettur Joseph Busuttil

Vs

John Zammit

Illum 27 ta' Novembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Zammit detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 898247M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' Frar 2018 u fix-xhur u snin ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'ghemil zieni kkorrompa lil *Omissis* minuri ta' 15-il sena u *Omissis* minuri ta' 15-il sena;
2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-età u cioe` *Omissis* minuri ta' 15-il sena u *Omissis* minuri ta' 15-il sena;

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-artikolu 203(1) eccita, ghen jew iffacilità l-korruzzjoni ta' persuna ta' taht l-età tas-sess il-wiehed jew l-iehor.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-espert, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq imsemmija kif ukoll ghall-familjari taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Awwissu, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 203(1), 204C(1), 17, 18 u 31 tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi u kkundannatu tliet (3) snin prigunerija. Stante li t-tielet (3) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Il-Qorti ordnat id-divjett tal-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-minuri koncernati fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuni protetti huma *Omissis* u *Omissis*.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Zammit, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Settembru 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza billi **tikkonferma** l-htija filwaqt li **thassar u tirrevoka** l-parti tal-piena u tinfliggi piena aktar ekwa u gusta.

Rat illi l-aggravji tal-appellant John Zammit huma s-segwenti u cioe`:-

**Piena Eccessiva**

Illi l-piena nflitta, tenut kont tac-cirkostanzi, li ser jigu ndikati aktar 'il quddiem hija wahda eccessiva;

Illi l-esponent ma huwiex ser jipprova jidhak bil-Qorti anzi ser ikun minn ta' quddiem li jammetti li r-reati tal-kaz in dizamina huma serji hafna, izda pero` is-serjetà tar-reati ma ghandhiex tkun ostaklu sabiex persuna tibbenefika minn sentenza li ma tipprovdix karcerazzjoni effettiv;

Illi l-fedina penali tal-appellant hija wahda netta, u meta tara li huwa persuna ta' età avvanzata, ifisser li tul hajtu qatt ma kien jipprofessa fil-kriminalità oltre minn dan, in oltre huwa ammetta mill-ewwel li zbalja, kemm kif deher fl-istqarrija, kif ukoll malli deher quddiem il-Qorti;

Illi l-guvintur tar-reati odjerni kellhom hmistax-il sena, kwindi ma kienux ta' età tenera, l-esponent bl-ebda mod ma jrid jinftiehem li r-reati huma inqas gravi, pero` tali ghandu jkun fattur li jimmilità favur piena mhux karcerarja effettiva;

Illi tenut kont ta' dan kollu l-esponent jemmen li l-piena ta' habs effettiv huwa kemm accessiv, kif ukoll tal-ebda ghajnuna ghall-appellant sabiex jinghata c-cans biex ikun jista' jsewwi l-hazin li ghamel;

Illi s-socjetà Maltija f'dawn l-ahhar zminijiet dejjem sostniet favur il-gustizzja riparattrici, fejn persuna li zbaljat tinghata cans sabiex tkun tista' tintegra fis-socjetà mill-gdid, u kwindi minflok tkun rinnegata tiehu rwol attiv ghat-titjib tal-hajja gewwa pajjizna, u dan ghandu japplika ghal kull reat kommess, kwindi jemmen li l-piena inflitta ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv;

Illi huwa indesiderali li din il-Qorti tiddisturba l-ezercizzju tal-ewwel Qorti, sakemm tali ma jigix pruvat li sar b'nuqqas manifest lejn ic-cirkostanzi u l-aspetti partikolari tal-kaz, kif effettivament jemmen li gara fil-kaz in dizamina, fejn tali produca piena wisq harxa. Dan il-principju kien gie wkoll kristalizzat fis-sentenza fil-kaz **il-Pulizija vs. Joseph Attard** moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imhallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun* ***imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.****"*

Rat il-verbal ta din il-Qorti tal-11 ta Ottubru 2018 fejn din il-kawza giet differita ghal-provediment dwar jekk ir-rikors tal-appell tal-appellanti ghandux il-formalitajiet rikjesti mill-ligi mill-artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat il-provediment moghti minn din l-Qorti nhar it-23 ta Ottubru 2018 fejn din l-Qorti iddikjarat li n-nuqqas kontemplat mill-Avukat Generali fir-rikros tal-appell ma jaqawax f'wahda minn dawk l-ipotezi imsemmija fl-artikolu 419 u ghalhekk ordnat l-kontinwazzjoni tal-kawza.

Semghet lill-partjiet jittrattaw il-kawza fir-rigward tal-piena mposta mill-ewwel Qorti u dan fl-istess seduta tat-23 ta' Ottubru 2018.

Ikkunsidrat,

Illi l-avukat difensur tal-appellant stqarr li l-ewwel Qorti infliggiet piena eccessiva fuq l-imputat tenut kont ic-cirkostanzi u cioe' l-ammissjoni bikrija tieghu. Stqarr ukoll li f'dan il-kaz jesistu cirkostanzi li ghandhom jimmilitaw favur l-appellant ghall-ghoti ta piena fosthom is-segwenti.

1. L-eta' avvanzata tal-appellant u cioe' l-fatt li ghandu 70 sena.

2. Il-fedina penali netta tieghu.

3. Qatt ma kien investigat qabel mill-pulizija u ghalhekk din kienet l-ewwel inkontru tieghu mal-pulizija esekuttiva.

4. Li din kienet okkorenza ta' darba

5. L-ammissjoni bikrija tieghu sal-moment meta rrilaxja l-istqarrija tieghu a tempo vergine tal- invetigazzjoni.

6. Il-fatt li l-appellant irregistra ammissjoni ma' l-ewwel opportunita' li nghata u ghalhekk ma heliex il-hin prezzjuz tal-Qorti .

7. Li gharaf li zbalja u li kien ghalhekk li irregistra l-ammissjoni iteghu.

Min naha l-ohra l-Avukat Generali sostna li din mhiex kwistjoni ta' nuqqas ta' serjeta kif donnha stqarret id-difiza fit -trattazzjoni taghha izda kaz li jittratta ammissjoni ta' bniedem anzjan li kkometta certu avvenimenti koroh fil-konfront ta' diversi munri. Qal li l-effett trawmatiku fuq dawn it-tfal ser jibqa maghhom tul hajjithom kollha. Il-fatt li l-appellant ghandu 70 sena ghandu ikun aggravju ghal-piena u dan ghaliex jaf x'inhi l-hajja u ghalhekk messu aktar zamm il-boghod minn din it-tip ta' attivita' kriminali li ppratika fuq medda ta' zmien. Is-sitwazzjoni hi wahda gravi ghaliex hemm l-intenzjoni tal-appellant f'dak li ghamel u fil-fatt anke l-legislatur gharaf is-serjeta ta' dan kollu ghaliex zied il-piena fir-rigward ta' min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma'persuna ta' taħt is-sittax-il sena, fejn illum il-piena tibda' b'hames snin prigunerija[1] f'kaz ta' htija. Stqarr li mhux minnu li l-appellant ghandu fedina penali netta anzi jirrizulta li hija wahda lil ghandha diversi tebghat fuqha u ghalhekk mhux minnu lanqas li allura din kienet l-ewwel darba li l-appellant kiser dufrejgh mal-ligi. Stqarr ukoll li huwa veru li l-appellant irregistra ammissjoni fl-ewwel seduta wara li inqraw l-akkuzi pero' dan ghamlu wara li hu stess kien gia ammetta l-partecipazzjoni tieghu f'dawn l-akkuzi meta irrilaxja l-istqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni[2]. Ghalhekk l-avukat Genrali hu tal-fehma li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti m'ghandheix tigi mibdula.

[1] Artikolu 204C ( 1) tal-kodii Kriminali

[2] Stqarrija tal-appellant esebita fl-atti a fol. 7 et seq Dok JB 2.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell limitat ghall-piena, peress li mhix qed tigi kontestata d-dikjarazzjoni ta' htija illi saret quddiem l-Ewwel Qorti, pero` qeghda tintalab li tigi riformata l-piena karcerarja.

Illi fl-ewwel lok, jinghad li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'**[3]:

'*Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**"[4], "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**"[5] u ohrajn.)*'

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat**[6] l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti* jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi[7] *u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

---

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)

[4] Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999

[5] Deciza fl-24 ta' April, 2003 citata ill-istess Avukat Genrali fit-trattazzjoni tieghu

[6] Presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011)

[7] Sottolinear u enfasi tal-Qorti.

Din il-*forma mentis* tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio** [8], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[9] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[10] .

Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'**[11]: il-Qorti kkunsidrat li '*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.*'

Ikkunsidrat ulterjoment,

Ghalhekk il-Qorti ezaminat il-process u appuntu l-provi li jinsabu fih biex tara jekk hemmx ragunijiet li fuqhom hemm bazi li jkun hemm tibdil fil-piena errogata. Stante l-ammissjoni tal-appellant registrata fl-ewwel seduta l-provi huma skarsi pero' ta' importanza kbira hemm l-istatement ta' l-istess appellant u l-Qorti ghalhekk ser taghti d-debita konsiderazzjoni lil dan id-dokument.

L-appellant stqarr li kien mizzewweg pero' ilu separat ghal dawn l-ahhar 37 sena. Ghandu erbat itfal u cioe' Julian li twieled fis-sena 1974, Elaine li twiledet fis-sena 1976, Colin li twiled fis-sena 1979 u Daniel li twieled fis-sena 1982. Jghid li hu ghandu sebgha ahwa erbgha minnhom akbar minnu u tlieta izghar minnu. Qal li ta' sittax-il sena kien jahdem u wara baqa' bhala Fra mal-knisja tal-Balluta ta' San

[8] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.

[9] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[10] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

Giljan. Wara beda jahdem ukoll fil-lukandi u fil-fran. Qal li kien gie abbuzat meta kellu sittax-il sena minn qassis gewwa il-post maghruf bhala s-Salesjani tas-Slieama. Dan kien isir fil-kamra tieghu minn qassis illum mejjet. Jiftakar ukoll li kien gie abbuzat ukoll minn pulizija u dan fl-istess perijodu. Jghid li kellu konflitt go fih pero' il-qassis kien ighidlu li dan mhux dnub. Cio nonnostante ighid li kien iqerru. Ghalhekk spicca bi-sexual. Ghalkemm jghid li meta kien l-iskola gja kellu dawn it-tendenzi pero' dejjem fittex li j ighix hajja normali ghaliex kien jibza minn Alla.

Mistoqsi jekk kellux esperjenza ta' nies taht l-eta' jghid li kellu ma guvni li jismu *Omissis* li ghandu madwar sbatax-il sena (skond ma qallu). Kien jghamillu 'blow job' u dan waqt li kienu jkunu gewwa Sant Iermu u wara li kienu ilestu kien itih €20 kul darba. Din grat tlett darbiet. Kien hemm ukoll *Omissis* li ghandu hmistax-il sena. Dan il-kaz gara fis-sena 2017 fejn waqt li kien jahdem f'hanut tal-pastizzi l-Belt Valletta u dan it-tfajjel kien imur hemm ta' spiss. Dan kien jitkellem mieghu doppju sens u hu kien ikompli mieghu. Wara li kienu jitilqu n-nies kien ighidlu *"xi gmiel ta sausage roll"* u hu kien jaf ghal xhiex qed jirreferi u kien jidhaq. Spjega li dan it-tifel kien joqghod hdejn il-bank u meta kien jghaddi minn hdejh kien imiss il-parti tieghu u dan it-tifel qatt ma qallu xejn. Qal li darba minnhom kien qieghed hemm qudiem il-bank u anke immasturba quddiemu.

Spjega li kien hemm tifel iehor kuljomu *Omissis* u wara li kien ghalaq il-hanut rah fit-triq u staqsih jekk riedx li jkolu xjaqsam mieghu u jghamillu 'blow job' u offrihielu €10 biex jghamillu hekk izda dan kien irrifjuta u ghalhekk waqfet hemm.

Kellu relazzjoni ma certu *Omissis* matul is-sena 2012 li kien jghix mieghu dak iz-zmien anzi ighid li kellu kamra fil-karejja fejn kien izomm l-imbarazz u offriehlu biex jghix fiha. Minflokk itih il-flus kien itih blow job. Darba fost l-ohrajn dan kien qabad u telaq u inkwieta hafna ghaliex hadd ma kien jaf fejn mar. Jghid li dan ma kienx bi-sexual izda kien ried il-flus. Huwa qatt ma tah flus pero' kien jahsillu il-hwejjeg u isajjarlu kien qisu it-tifel tieghu. Dan kellu xi 28 sena meta kien jghix mieghu.

Spjega li kien hemm ukoll *Omissis* hu *Omissis* li kellu tlttax-il sena u kien offriehlu

€10. Din grat darba biss fil-hanut fejn kien jahdem ghaliex it-tifel ma riedx aktar. Jghid li dan ried il-flus biss u ghalhek kien garah 'l hemm u ma regax mar. Dan kien gara xi sentejn qabel meta it- tifel kellu hdax-il sena u kien mar ighid li l-appellant hu *gay* ghaliex kien mar ma huh.

Qal li fis-sena 2015 kien hemm tifel mis-Somalia li ghandu hmistax-il sena . Dan kien imur ifittxu u jghamillu *blow jo* b. Anzi ighid kemm hu lilu kif ukoll hu lilu.

Mistoqsi jekk kienx jaf li kien qed ighamel hazin jghid "*Iva ovvja, il-hazin nahseb li kulhadd jaf x'inhu*". Jghid ukoll li jiddispjacih ta' dak li gara u li ma kienx ser jirrepeti dan l-agir.

Rat ukoll il-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti a fol. 11 markata bhala dok JB3 u minn esami ta l-istess jirrizulta li ghandu 6 convictions registrati fuqha li jikkoncernaw ksur tal- Ordinanza tat- traffiku fejn gie ordnat ihallas ammendi u multi, l-ahhar wahda registrata hi fis-sena 2006 u ghalhekk ghalkemm mhiex fedina penali netta l-fedina penali tieghu mhijiex allarmanti. Zgur pero li l-avukat difensur ma kienx korrett meta qal li din kienet l-ewwel darba li l-appellant kiser dufrejgh mal-ligi.

Fil-kawza **<u>I-Pulizja vs Carmen Buttler,[12]</u>**, il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena errogata minn l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tati importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz.

F'dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fI-ismijiet ta' **<u>Il-Puliziia vs Charlot Aquilina[13]</u>**. Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm<u> ir-rieda ta' bidla[14]</u>. (li f'dan il-kaz zgur li ma giex provat li kien hemm).

[12]Ddeciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009)

[13] Deciza millOnorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008)

[14] Enfazi ta din l-Onorabbli Qorti

Fl-ikkalibrar tal-piena l-Qorti trid tara l-fattispecji tal-kaz li jkun u ftit li xejn tista' tigi gwidata minn dak li jkun gie deciz minn Qrati ohra f'kazijiet fejn il-fatti specji jkunu differenti. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax taghti l-impressjoni li qisu xejn m'hu xejn, u ghalhekk thoss li ghandha tinidirzza dan il-kaz bl-aktar mod serju sabiex l-imputat jaghraf li zbalja, bil-ghan li l-piena li inghatat tiswih bhala deterrent ghall-futur.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza gha-ssentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Pulizija Vs Salah Aldin M.m.bin Abdo Alslam**[15] fejn inghad li:-

*'Ghalkemm meta persuna tammetti l-htija taghha fi stadju bikri tal-proceduri - u ma jistax ikun hemm stadju aktar bikri mill-gurnata tal-presentata ta' dak li jkun quddiem il-Qorti - Qorti ghandha normalment tikkonsidra il-possibilita` ta' xi tnaqqis fil-piena konformement mar-regoli li, minn zmien ghal zmien, gew formulati minn din il-Qorti u mill-Qorti Kriminali. Qorti ta' Gustizzja Kriminali ma ghandha qatt tikkarga d-doza tal-piena minhabba s-semplici fatt li l-hati ma jkunx ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet taghhom jew ma jkunx ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, jew addirittura jkun ikkontesta l-kaz u jkun instab eventwalment hati.*

*Il-gudikant m'ghandux izid il-piena minhabba kwistjonijiet ghal kollox estraneji.*

*Is-semplici fatt li persuna li tkun qed tigi investigata tibqa' siekta u ma tikkoperax mal-Pulizija, jew, meta tkun qed tigi interrogata, tichad li tkun wettqet ir-reat, fih innifsu m'ghandhiex tkun cirkostanza li tiggustifika zieda fil-piena.*

*Kuntrarjament jinghad, per ezempju, ghall-kaz fejn ir-res furtiva ma tkunx giet ritornata meta l-qorti tkun sodisfatta li din ghadha fil-pussess jew taht il-kontroll tal-hati - f'kaz simili, zieda fil-piena tkun gustifikata.'*

Il-process mentali li gudikant ghandu jsegwi, ghalhekk, hu li l-ewwel jiddetermina x'ghandha tkun ("oggettivament") il-piena li kieku ma kienx hemm l-ammissjoni tal-hati u/jew il-koperazzjoni tieghu fil-kors ta' l-investigazzjoni u wara, f'kaz li jkun hemm tali ammissjoni u/jew koperazzjoni, jara jekk il-kaz partikolari jkunx

[15] Deciza fil-5 ta' Mejju 2003

jimmerita "discount" minhabba dik l-ammissjoni u/jew koperazzjoni.

Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina a priori x'inhi l-piena idoneja, u hu ghalhekk li jkun hemm il-process kollu sabiex il-gustizzja ssir kemm mal-individiwu kif ukoll mas-socjeta'.

Il-Qorti trid tikkunsidra diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien qabel ma tiddeciedi fuq il-piena, u cioe': l-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, l-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, l-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni (li f'dan il-kaz kien hemm ghajnuna), l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez – li f'dan il-kaz kien hemm), jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra.

Jinghad ukoll b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v.Maurice Agius</u>**[16] li, *'filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta`, tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l- internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi.'*

Kif qal **Lord Justice Lawton** fil-kawza **<u>R v. Sargeant</u>**:

*"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

Dan kollu qed jinghad ghaliex filwaqt li l-appellant talab li jkun hemm riforma fis-

[16] deciza fit- 13 ta' Novembru, 2009

sentenza u cioe' fil-piena inflitta fl-ebda hin ma wera sinjal ta' riforma w ghalhekk jidher li jirraprezenta minaccja ghas-socjeta' ghalaiex hemm il-possibilta li jirrepeti reati simili.. Dan kollu ma jistax ma jigix rifless fil-piena fis-sentenza tal-Qorti. Illi dan ir-reat ghandu konsegwenzi koroh hafna fuq l-vittmi minuri molto piú meta tqis li ma hawn l-ebda prova li inghataw xi assistenza medika biex jindirizzaw it-trawna li ghaddew minnha. Effetti ta' dawn l-atti sesswali certament hallew marka li difficilment tista' tithassar fuq il-hajja tal-vittmi koncernati fejn l-imputat/appellant aprofitta minn persuni vulnerabbli u li kellhom bzonn direzzjoni fil-hajja izda minflok uzahom sabiex jissodisfa lilu nnifsu. Dan l-agir hu inacettabli taht kul cirkostanza u certament ghalhekk kundannabli .[17].

L-appellant li hu stess ighid kien vittma ta' abbuz messu talab l-ghajnuna fiz-zmien proprizju u mhux qabad u ghamel l-istess u ttrawmatizza vittmi minrui ohra.

Ghalhekk din il-Qorti trid taghti messagg lis-socjeta' li akkuzi bhal dawn huma ta' min jistmerrhom u ghalhekk tali stmerrija ghandha tigi riflessa fis-sentenza[18].

Mhemmx dubbju li l-piena ta' tlett snin prigunerija taqa' fil-parametri tal-ligi. Minn meta inghatat l-ewwel sentenza sa illum ma kien hemm l-ebda tibdil fil-komportament tal-appellant u dan ghaliex ma ghadda minn l-ebda kura psikjatrika jew addirittura ma wera lil Qorti l-ebda pass li ha sabiex jindirizza din il-problema li huwa ghandu. Fl-ebda hin ma hemm xi hjiel li l-appellant ghamel xi talba ghall-ghajnuna.

Illi huwa veru li l-imputat ghandu fedina penali relattivament nadifa salv ghal xi kontravenzjonijiet u reat zghir w ghalhekk ghandu jigi trattat kwazi kwazi bhala a first time offender, pero' dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha turi xi klemenza mieghu molto piú meta tqis li r-reati li taghhom l-ewwel Qorti sabitu hati huma reati li jkexkxu lis-socjetá bl-aktar mod sever u huwa minn dan l-agir u komportament li l-

[17] Enfazi ta din l-Onorabbli Qorti.

[18] Enfazi ta din l-Onorabbli Qorti.

Qorti trid tipprotegi lic-cittadini dghajfa u vulnerabbi ta' din s-socjeta, biex ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili[19].

Stante li l-imputat fl-ebda stadju tal-procediment ma wera l-bzonn li jigi nvistat minn xi tabib psikjariku jew li jinghata xi kura medika u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li ghandha tittrattah bhala imputat bil-facilitajiet mentali tieghu kollha tajbin. Dan qed jinghad minkejja li l-istess appellant kien gie abbuzat meta kien zghir u ghalhekk zgur li ghandu bzonn l-ghajnuna.

Il-Qorti thoss li ghandha tkun severa mieghu fl-applikazzjoni tal-piena tieghu sabiex tibghat wkoll messagg lis-socjetá li l-Qorti mhux ser taccetta dawn it-tipi ta' reati u li hija qeghda hemmhekk sabiex filwaqt li taghmel gustizzja mal-akkuzat, tipprotegi wkoll minuri li jigu abbuzati.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-appell tal-appellant u tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-intier taghha kemm fir rigward ta' htija kif ukoll fir-rigward ta' piena.

Il-Qorti tordna li l-isem u partikolaritajiet tal-vittmi m'ghandhomx jigu pubblikati fuq il-mezzi kollha tax-xandir u dan fl-interess ta'l-istess minuri

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[19] Enfazi ta din l-Onorabbli Qorti.